

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA

Il-Ministeru tal-Kultura

Digriet Nru ____ ta' ____

li jemenda Digriet Nru 2021-793 tat-22 ta' Ġunju 2021 dwar is-servizzi tal-media awdjoviżiva on-demand

NOR: MICE2517034D

Pubbliku kkonċernat: pubblikaturi ta' servizzi tal-media awdjoviżiva on-demand.

Suġġett: emenda tar-reġim applikabbli għas-servizzi tal-media awdjoviżiva on-demand.

Dħul fis-seħħ: it-test għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2026.

Nota: dan id-Digriet jagħmel emenda tripla tad-Digriet Nru 2021-793 tat-22 ta' Ġunju 2021 dwar is-servizzi tal-media awdjoviżiva on-demand. L-ewwel nett, dan jirrikjedi li s-sehem tan-nefqa ddedikata għall-animazzjoni, għad-dokumentazzjoni u għar-reġistrazzjonijiet kreattivi jew għar-rikreazzjonijiet ta' prestazzjonijiet diretti jiġi stabbilit għal minimu ta' 20 % tal-kontribuzzjoni għall-produzzjoni ta' xogħlijiet awdjoviżivi, wara żieda ta' tliet snin. Għal servizzi b'fatturat annwali nett ta' aktar minn EUR 50 miljun, dan imbagħad jirrikjedi li 75 % ta' dak is-sehem jiġi ddedikat, għal kull wieħed minn dawk il-ġeneri ta' xogħlijiet, għal xogħlijiet ġodda. Fl-aħħar nett, għal xogħlijiet animati, huwa jillimita l-grad sa fejn jitqiesu d-drittijiet miksuba għat-territorji barranin, kif inhu l-każ għar-reġim applikabbli għax-xogħlijiet ċinematografiċi.

Referenzi: id-Digriet jinħareġ skont l-Artikoli 27 u 33-2 tal-Liġi Nru 86-1067 tat-30 ta' Settembru 1986 dwar il-libertà tal-komunikazzjoni. Dan id-Digriet u d-Digriet li jemenda jistgħu jiġu kkonsultati fuq is-sit web ta' Légifrance (<https://www.legifrance.gouv.fr>).

Il-Prim Ministru,

Skont ir-rapport tal-Ministru għall-Kultura,

Wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar it-Televiżjoni Transkonfinali, li nfetħet għall-iffirmar fil-5 ta' Mejju 1989;

Wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media awdjoviżiva);

Wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika, kif ukoll in-Notifika Nru° _____ ;

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea tat-2 ta' Mejju 1992;

Wara li kkunsidra l-Liġi Nru 86-1067 tat-30 ta' Settembru 1986 dwar il-libertà tal-komunikazzjoni, kif emendata, b'mod partikolari l-Artikoli 27, 28, 33-2 u 33-3 tagħha;

Digriet Nru 2021-793 tat-22 ta' Ġunju 2021 dwar is-servizzi tal-media awdjoviżiva on-demand;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Awtorità Regolatorja għall-Komunikazzjoni Awdjoviżiva u Diġitali(ARCOM) datata _____ ;

Wara li kkonsulta lill-Kunsill tal-Istat (it-taqsima tal-intern),

B'dan jordna:

Artikolu 1

Id-Digriet tat-22 ta' Ġunju 2021 imsemmi hawn fuq huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 15 jiġi emendat kif ġej:

a) Fl-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu, wara l-kliem “xogħlijiet ċinematografiċi”, jiddaħħal il-kliem “u xogħlijiet awdjoviżivi animati”;

b) Fit-tieni subparagrafu, wara l-kliem “dedikat għal”, tiddaħħal il-kelma “oħrajn”;

2. L-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:

a) L-aħħar subparagrafu tal-Artikolu 18 jiġi ssupplimentat b'żewġ sentenzi fformulati kif ġej: “nefqa ddedikata għall-animazzjoni, għad-dokumentazzjoni u għar-reġistrazzjonijiet kreattivi jew għar-rikreazzjonijiet ta' prestazzjonijiet diretti għandha tirrappreżenta mill-inqas 20 % tas-sehem tal-kontribuzzjoni dedikata għax-xogħlijiet awdjoviżivi. Għal servizzi b'fatturat annwali nett ta' aktar minn EUR 50 miljun, is-sehem minimu previst fl-Artikolu 17(1) għandu japplika għal kull wieħed minn dawn il-ġeneri ta' xogħlijiet.”;

b) Huwa ssupplimentat b'subparagrafu fformulat kif ġej: "Għall-ewwel applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tat-tieni sentenza tas-subparagrafu preċedenti għal pubblikatur ta' servizz, il-proporzjon ta' 20 % għandu jitnaqqas għal 12 % fl-ewwel sena u għal 16 % fit-tieni sena.”.

3. L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 40 jiġi sostitwit bid-dispożizzjonijiet li ġejjin:

“Id-dispożizzjonijiet ta’ dan id-Digriet kif emendat bid-Digriet Nru ____ ta’ ____ li jemenda d-Digriet Nru 2021-793 tat-22 ta’ Ġunju 2021 dwar servizzi tal-media awdjoviżiva on-demand għandhom japplikaw fi New Caledonia, fil-Polineżja Franċiża, f’Wallis u Futuna u fit-Territorji Franċiżi tan-Nofsinhar u tal-Antartiku.”;

Artikolu 2

Dan id-Digriet għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2026.

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(1) għandhom japplikaw għal kuntratti ta’ xiri ta’ drittijiet ta’ sfruttament konklużi wara perjodu ta’ 6 xhur mid-dħul fis-seħħ ta’ dan id-Digriet.

Il-ftehimiet diġà fis-seħħ fl-1 ta’ Jannar 2026 għandhom jiġu adattati, kif meħtieġ, għad-dispożizzjonijiet ta’ dan id-Digriet sa mhux aktar tard mill-1 ta’ Lulju 2026.

Fl-istess perjodu ta’ żmien, l-Awtorità Regulatorja għall-Komunikazzjoni Awdjoviżiva u Diġitali għandha tadatta l-obbligi li tiddetermina skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9 tad-Digriet imsemmi hawn fuq tat-22 ta’ Ġunju 2021 fir-rigward tal-pubblikaturi tas-servizzi msemmija f’dak l-Artikolu li ma jixtiqix jikkonkludu ftehim.

Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 1(2)(b), il-pubblikaturi tas-servizzi li huma soġġetti għall-Kapitolu II tad-Digriet imsemmi hawn fuq tat-22 ta’ Ġunju 2021, fl-1 ta’ Jannar 2026 għandhom jitqiesu li japplikaw id-dispożizzjonijiet ta’ dan il-punt (b) għall-ewwel sena fl-2026 u għat-tieni sena fl-2027.

Artikolu 3

Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 ta’ dan id-Digriet għandhom japplikaw fi New Caledonia, fil-Polineżja Franċiża, f’Wallis u Futuna u fl-Artijiet Franċiżi tan-Nofsinhar u tal-Antartiku.

Artikolu 4

Il-Ministru għat-territorji extra-Franċiżi u l-Ministru għall-Kultura, huma responsabbli, kull wiehied skont il-kariga tiegħu, għat-twettiq ta’ dan id-Digriet, li se jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika Franċiża.

Magħmul fi

Mill-Prim Ministru:

Il-Ministru għat-Territorji Ekstra-Ewropej ta' Franza,

Il-Ministru għall-Kultura,